**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

**MINUTI**

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 90/2017 tat-Tieni Amministrazzjoni**

Data: 12 ta' Ġunju 2017

Ħin: 18.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

---

Preżenti:
**Chev Paul Farrugia** – President, Sindku Tarxien
**Sur Lawrence Attard** - Kunsillier Birgu
**Sinj. Alison Zerafa Civelli** – Sindku Bormla
**Sinj. Davinia Sammut** - Sindku Floriana
**Sur Pierre Dalli** – Sindku Fgura flimkien mas-**Sinj. Beverly Saliba** – Seg. Eżek.
**Sur Clive Pulis –** Viċi Sindku Isla
**Sra Speranza Chircop** – Sindku Kalkara
**Sur Horace Gauci** – Sindku Marsaxlokk
**Sur Charlot Mifsud** - Kunsillier Marsaskala
**Sur Domenic Grima** – Sindku Paola
**Sur Anthony Valvo** – Sindku Xgħajra
**Sna Antonella Galea** – A/Segretarju Eżekuttiv

Skużati
**Kunsill Lokali Zejtun**
**Kunsill Lokali Żabbar**

Assenti
**Kunsill Lokali Valletta**
**Kunsill Lokali Marsa**

---

AĠENDA

90.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

90.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

90.3 Komunikazzjoni mill-President;

90.4 EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021

90.5 URBACT

90.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

90.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 68/2017;

90.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## 90.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li kienu bgħatu jinfurmaw sabiex ikunu skużati mill-laqgħa, l-Kunsilli ta' Żabbar u Żejtun. Ittri ta' Apoloġija

i.i Il-Kumitat Reġjonali ħa nota u approva li jkunu skużati mill-laqgħa l-Kunsilli ta' Żabbar u Żejtun..

## 90.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Peress li l-Minuti tal-Laqgħat numru 88/2017 miżmuma fi 19 ta' April 2017 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat. Filwaqt li l-laqgħa 89/2017 ma saritx minħabba nuqqas ta' quorum.

Il-Kumitat approva l-Minuti 88/2017, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

## 90.3 Komunikazzjoni mill-President

i. Dwar il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion, il-President Paul Farrugia, nforma lis-Sinjuri membri li hu, is-Seg. Eżek., l-Asst. Skrivan kif ukoll id-Direttur DLG kienu mitluba jidhru quddiem Board maħtur mill-PSC. Il-President żied jispjega li konna għadna ma nafux l-eżietu tax-xhieda tagħna għaliex ir-rapport kien għadu ma ħariġx. Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**i.i** Il-President żied jispjega li għalkemm lilna s-Sra Joan Mangion ma kelmitna xejn iktar jidher li l-avukat tagħha Dr Borg Cardona kien għamel kuntatt mal-Avukat tagħna Dr Mario Mifsud fejn dawn kienu ftiehmu biex għat-tieni darba aħna nerġgħu noħorġu ċ-ċekk tal-paga ta' Joan u ngħadduh lill-Avukat tagħna sabiex hu min-naħa tiegħu jgħaddih lill-Avukat Borg Cardona. Il-President żied jgħid li għalkemm fil-fatt hekk sar u dan it-tieni ċekk inħareġ, ingħata u saħansitra diġa ssarraf, Joan Mangion kienet għadha ma rritornat xejn minn dak li ħadet proprjeta tar-Reġjun Xlokk bħall-irċevuti tal-flus tal-petty cash li kienet qed tgħid li ddepożitat, l-internet banking token u iċ-ċavetta tan-nightsafe.

ii. Il-President nforma lill-Kumitat li kienet waslet mingħand l-Awdituri l-Management Letter għas-sena li għalqet fl-2016. Żied jispjega li wħud min-nuqqasijiet ta' Joan Mangion kienu ġew riflessi fl-istess Management Report. Management Letter għas-sena 2016

ii.i Saret diskussjoni mill-Kumitat dwar il-Management Letter u kien hemm qbil unanimu li l-President u l-Aġent Seg. Eżek. jwieġbu għal dan ir-rapport u jibgħatu t-tweġibiet tagħhom lill-Awditur Ġenerali, lid-Direttur DLG u lill-Awdituri Grant Thornton.

iii. Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA kienu ħallsuna sa Frar 2017. LESA

iii.i Il-President nforma wkoll lill-Kumitat li r-Reġjun tagħna, mill-fond ta' miljun Ewro mill-Lesa kien ser idaħħal €53,000. Is-Sur Farrugia qal li kellu ħsieb li bħala Reġjun joħroġ ktieb li fih ikun hemm kull Kunsill membru fir-Reġjun Xlokk. Spjega li dan ma jkunx fih biss stampi imma xi ħaġa edukattiva. Ikun ktieb li jkun preżentabbli li anke jkun jista' jingħata lil xi delegazzjoni barranija. Fond ta' Miljun Ewro mill-LESA

iii.i.i Il-Kumitat qabel ma' dan il-ħsieb u qal li fil-każ ladarba naslu tinħareġ sejħa u l-kuntrattur magħżul jkun irid jikkonsulta ma kull Kunsill b'mod individwali.

iv. Il-President informa lill-Kumitat li ftit jiem qabel l-Elezzjoni Ġenerali dak iż-żmien s-Seg. Parlamentari Stefan Buontempo flimkien mad-DLG kienu niedew inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 bejn il-ħames Reġjuni dwar Għoti mill-ġdid ta' tarmak lill-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali. Spjega l-President Paul Farrugia li kull min kien interessat kellu jressaq l-proposti tiegħu, skond il-kriterji mitluba, sabiex jiġu diskussi waqt laqgħa li jmiss tal-istess Kumitat Reġjonali Xlokk. Sabiex b'hekk il-Kumitat Reġjonali Xlokk kien setgħa jressaq il-proġett magħzul sad-data mitluba mid-Dipt. Gvern Lokali jiġifieri sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa l-11 t'Awwissu 2017. Żied jispjega l-President li x-xogħol tal-proġett magħżul imbagħad ried ikun lest sa mhux aktar tard mill-Ħamis it-30 ta' Novembru 2017. Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

## 90.4 EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021

**EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021**

**i.** Il-President Paul Farrugia reġa għal darb'oħra ressaq dan id-dokument dwar fondi relatati mal-**EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021 fejn spjega** li elegibbli hemm 4 Reġjuni u l-għan għal dawn il-fondi huwa l-Inklużjoni Soċjali, ix-Xogħol fost iż-Żgħażagħ kif ukoll it-tnaqqis tal-Faqar.

Il-President reġa spjega li relatata ma' dawn il-fondi kien hemm *stakeholders meeting* nhar is-16 ta' Marzu 2017. Fejn preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Natalino Attard - Direttur Ġenerali Gvern Lokali; Sur Robert Tabone - officer in scale 4 - EU & 2 International Affairs Unit, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali; l-Assoċjazzjoni tas-Segretarji Eżekuttivi; Presidenti u Segretarji Eżekuttivi tal-erbgħa Kumitati Reġjonali li fi ħdanom hemm lokalitajiet li huma kkunsidrati urbani.

## 90.5 Urbact

URBACT

i. Il-President Paul Farrugia spjega li kienu għadom għaddejjin bil-proġett tal-URBACT. Dawn il-laqgħat kienu qed isiru f'kull pajjiż li jipparteċipa fil-proġett. Il-President qal li hu kien lest li jibgħat biss lil min jipparteċipa fil-laqgħat tar-Reġjun.

i.i Huwa spjega li relatat ma' dan il-Proġett kellhom isiru aktar laqgħat u li dawn kellhom isiru fil-pajjiżi parteċipanti.

i.ii Hawnhekk daħal fil-laqgħa wkoll il-Kuntrattur tar-Reġjun Dr Malcolm Borg. Dr Borg spjega li r-Reġjun Xlokk kien daħal għal dan il-proġett daqs sena u nofs ilu. Żied jgħid li l-URBACT kien jikkonsisti fi pjan t'azzjoni u jħallsuk ta' dan il-pjan. Qal li dan isir fuq servizzi relatati ma *transit* bħal per eżempju busses, frekwenza ta' ferries, karozzi etc. Qed jinġabar il-materjal kollu sabiex isir TIS - Transport Impact Statement. U dan biex naraw x'hemm bżonn isir u fejn hemm bżonn li nippjanaw li jsir dan sabiex niffacilitaw il-flow ta' traffiku, u saħansitra jidħol il-kunċett ta' shared parking.

i.iii Qal Dr Borg li l-proġett jinsab nofs triq. Bħalissa qegħdin f'sitwazzjoni fejn għaddejjin bil-meetings fid-diversi pajjiżi parteċipanti. Bdejna b'Malta imbagħad saret ġewwa Bielfield, Zadar u Braga. Fadal 2 meetings, wieħed ġewwa l-Greċja f'Novembru u l-aħħar wieħed ġewwa Monalau f'Jannar 2018.

*Ir-Rappreżentant għall-Kunsill Lokali PAOLA rtira fis-7:40pm*

**90.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mir-Rappreżentanti

**90.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 68/2017;**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 68/2017 giet approvata u giet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti inkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**90.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:00hrs

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tnejn 10 ta' Lulju 2017 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Iffirmat** | **Iffirmat** |
| ***Chev Paul Farrugia*** | ***Antonella Galea*** |
| ***President*** | ***A/ Seg. Eżek*** |